MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 60

27 ta' Frar 2024

Minuti tas-seduta Nru. 60 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## Kondoljanzi

Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-mewt tas-Sur Valentino Cutajar li grat fit-18 ta' Frar 2024 u ta l-kondoljanzi tiegħu lil bintu, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar.

Il-membri kollha tal-Kunsill ingħaqdu mas-sentimenti espressi mis-Sindku

Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irringrazzjat lill-membri kollha tal-Kunsill u lill-impjegati li wrew simpatija mal-familja tagħha u attendew għall-funeral ta' missierha li sar fit-22 ta' Frar 2024.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 59 tat-30 ta' Jannar 2024, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ċaqlieq tal-*bus stop* "Pitirross" fi Triq il-Kbira (B/6/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 3.4.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-*bus bay* abbinata mal-*bus stop* imsemmi għandha temporanjament tiġi spustjata fejn hemm it-tabella tal-istess *bus stop*. Dan minħabba n-nuqqas ta' siġurtà li hemm fil-post attwali billi għaddejjin xogħlijiet ta' kostruzzjoni, filwaqt li l-passiġġieri jkunu jafu eżatt fejn għandhom jistennew.

2.1.3. Il-Kunsill qabel li l-proposta skond il-minuta preċedenti u talab li din tinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

**2.2.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar (T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)**

2.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarfet li t-tindif volontarju u tħawwil ta' siġar li kellu jsir nhar il-Ħadd 25 ta' Frar 2024 f'Żona Ċ għall-ikkampjar, biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar ser ikollu jiġi pospost għal darba oħra minħabba l-maltemp.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. PA 4255/23 – Żvilupp ta' *units* residenzjali fl-Għerien il-Ħida (P/5/8/G)**

2.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 5.3.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-applikazzjoni msemmija. Huwa għarraf li l-Bord tal-Ippjanar approva l-iżvilupp propost bi tmien voti favur u tlieta kontra.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.12.1. għarrfet li fiż-żjara li saret mill-*mobile blood unit* fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 11 ta' Frar 2024, kien hemm disa' u tletin persuna li taw id-demm.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.5.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rrefereit għall-minuta 5.13.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li għaż-żjara li saret fil-Palazz tal-Granmastru fil-Belt Valletta l fil-31 ta' Jannar 2024, attendew sittin persuna li kienu mqassmin f'żewġ gruppi. Hija pproponiet li ż-żjara li jmiss issir fit-Teatru Manoel fit-28 ta' Frar 2024.

2.5.2. Il-Kunsill approva l-proposta.

**2.6.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 3.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf illi fl-20 ta' Frar 2024 saret laqgħa mal-kuntrattur Intersteel Ltd wara li saru żewġ *pilot holes* f'art tal-*court,* fejn kompla jiġi diskuss l-mod li għandha tiġi trattata l-problema tad-dħul tal-ilma fid-*dressing rooms*. Il-fehma ġenerali kienet li jinfetaħ wisgħa ta' metru madwar il-*court*. Kien hemm qbil li għandu jiġi ppreparat *bill of quantities* li jkopri dan ix-xogħol.

2.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li minħabba raġunijiet ta' sigurtà mhux qed jiġu aċċettati talbiet għall-użu tal-*court*.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Għotja ta' tagħmir ta' *Outdoor gym* (P/4/14)**

2.7.2. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u K Buttigieg irrefera għall-minuta 3.2.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-faċilitajiet offruti mill-organizzazzjoni Bulletproof, jistgħu jsiru fi Ġnien il-Qigħan fuq in-naħa ta' Triq Vincenzo Ciappara.

2.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li fil-parti ndikata qed jiġi propost li ssir ġiebja li taqbad l-ilma tax-xita li jinżel minn Triq Vincenzo Ciappara.

2.7.4. Il-Kunsill approva l-proposta skond il-minuta preċedenti u kien tal-fehma li fil-ġnien hemm spażju biżżejjed lill'hinn mill-post indikat fil-minuta 2.7.2 aktar 'l fuq, fejn jista' jintrama t-tagħmir imsemmi.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Żona pedonali fi Triq Ġużè Flores (T/3/2/Vol XVI)

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti dwar is-sospensjoni taż-żona pedonali approvata li ssir fi Triq Ġużè Flores u Triq Pietru Pawl Caruana. Huwa staqsa għaliex inkixfu t-tabelli li jindikaw din ir-restrizzjoni fuq naħa waħda tat-triq biss.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x'aktarx dawn tneħħew minn xi ħadd mhux awtorizzat jew inqalgħu bir-riħ, u għaldaqstant ser jitgħattew sakemm ikun hemm tweġiba minn Transport Malta dwar l-għeluq tal-parti in kwistjoni permezz ta' barrikati.

### 3.1.2. Xogħlijiet tan-*new water* fil-Miżieb (W/2/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għax-xogħlijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fil-Miżieb, li ilhom għaddejjin diversi xhur. Huwa staqsa dwar jekk ġietx iffissata data, meta dan ix-xogħol jitlesta.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-Kunsill m'għandux it-tagħrif mitlub u għaldaqstant ser jintalab mingħand l-istess Korporazzjoni.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 23/02/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 30/01/24 – 23/02/24;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru/Diċembru 2023;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Kors fir-restawr tal-affreski (S/6/Vol VII)

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Frar 2024, fejn l-Art Club 2000 għarrfu li sitt membri żgħażagħ imsieħba fil-klabb tagħhom jixtiequ jsegwu kors ta' sebat-ijiem fis-sengħa tar-restawr tal-affreski li ser isir bil-kollaborazzjoni mal-Comune di Treglio u l-Associazione Culturale per L'Affresco bbażati fi Chieti fl-Abruzzo fl-Italja. Fl-istess ittra ntqal li l-ispiża totali għall-klabb tammonta għal €3,840, li parti minnha hija l-prezz tal-kors nnifsu. Appellaw għat-tisħib tal-Kunsill f'din l-inizjattiva. Il-kors ser isir bejn it-8 u 13 ta' Lulju 2024.

5.1.3. Il-Kunsill laqa' it-talba fid-dawl tal-appoġġ u s-servizzi li l-Kunsill jirċievi mingħand l-Art Club 2000 fir-rigward tal-attivitajiet popolari li jiġu organizzati matul is-sena, kif ukoll il-kustodja tal-Mużew tat-Tunnara. Għaldaqstant talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-prezz tal-kors bil-għan li jiġi kofinanzjat sa massimu ta' €1,200. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

5.1.4. Il-Kunsill qabel ukoll li dan l-appoġġ għandu jingħata promozzjoni mill-klabb permezz tal-midja soċjali u mezzi oħra ta' komunikazzjoni. Il-materjal relattiv għandu jintbagħat

lill-Kunsill Lokali qabel l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, kif ukoll mal-konklużjoni tagħha.

**5.2.1. PA 6161/23 – Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II** (T/4/10/Vol III)

5.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi t-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem il-fond 11, 12, u 13, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri u Triq il-Madonna tal-Għar. Ġie spjegat li din l-applikazzjoni kienet tressqet fis-Seduta 56 tal-31 ta' Ottubru 2023, meta t-talba kienet għat-tqegħid ta' sittax-il mejda b'erba' siġġijiet 'l waħda. Il-Kunsill ġie mgħarraf li issa din ġiet miżjuda għal erba' u għoxrin mejda.

5.2.3. Ġie nnutat li fil-każ tat-talba oriġinali l-Kunsill ma oġġezzjonax għat-tqegħid ta' għamara *per se'* skond il-formazzjoni ndikata fil-planta 41a, sottomessa mal-applikazzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet kienu konsistenti ma'dawk applikabbli għal negożji oħra fl-istess misraħ. Minbarra dawn, il-Kunsill rabat din id-deċiżjoni:

- Mat-tneħħija tal-isfreġju li sar fuq il-bejn tal-istabbiliment in kwistjoni bl-installazzjoni ta' tagħmir tal-arja kkundizzjonata u tal-ventilazzjoni; u
- Indika li m'għandha titpoġġa ebda għamara li ma tkunx qed tintuża fi Triq il-Kappillan Magri, fuq in-naħa ta' wara tal-istabbiliment in kwistjoni.

5.2.4. Il-Kunsill Lokali ma oġġezzjonax għall-proposta *per se'* kif ġiet modifikata, sakemm din tiġi pproċessata skont il-*policies* fis-seħħ, il-*Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space*, u rekwiżiti speċifiċi oħra marbuta mas-sit in kwistjoni. Kien hemm qbil li r-ringiela ta' barra nett, li tikkonsisti minn tmien imwejjed, kif murija fil-Pjanta 53a sottomessa mill-applikant, għandha tiġi eliminata sabiex jitħalla spazju biżżejjed għall-pubbliku li jiffrekwentaw dan il-post storiku, kif ukoll minħabba d-diversi avvenimenti li jseħħu fil-misraħ, bħal purċissjonijiet reliġjużi u funzjonijiet oħra li jseħħu matul is-sena.

**5.3.1. Faċilitajiet għall-ħatt/tagħbija quddiem Spar Supermarket fi Triq il-Kbira** (T/3/2/Vol XVI)

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal imejl datat 21 ta' Frar 2024, fejn Valhmor Ltd talba li jingħataw l-faċilitajiet imsemmija quddiem l-istabbiliment tagħhom li jinsab fi Triq il-Kbira, bejn Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq il-Qortin.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu eżaminati l-pjanti kif approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, qabel tittieħed deċiżjoni finali.

**5.4.1. Twaqqif ta' bust ta' Jimmy Muscat** (M/9)

5.4.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għal laqgħa nformali li seħħet fit-12 ta' Frar 2024, meta kienu mistiedna jattendu l-membri kollha tal-Kunsill. Huwa aċċenna wkoll illi wara t-tieni sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 1/2024 dwar il-twaqqif tal-bust imsemmi, reġa' ma kienx hemm ebda rispons għaliha. Is-Sur J. Buttigieg qal illi minn kuntatti li huwa kellu ma' Kunsilli oħra, irriżulta li dan ix-xogħol jista' isir bi spiża inqas, kemm-il darba l-bust isir tat-tafal miksi biċ-ċiramika u mogħti patina tal-bronż. Huwa semma xogħlijiet simili li saru fil-każ tal-busti oħra bħal dawk tal-Professur Victor Calvagia, il-kantant Enzo Guzman, u Pawlu Curmi (Il-Pampalun).

5.4.3. Kompla jispjega li dawn saru mill-artist Indri Attard li kkwota spiża ta' €3,000 bil-VAT inkluża biex ikun jista' isir il-bust, possibilment sa nofs Mejju 2024. Il-pedestal irid isir apparti minn xi ħadd ieħor. Is-Sur Attard talab biss li jkollu ritratti tas-suġġett biex jasal għax-xebħ eżatt mal-figura ta' Jimmy Muscat.

5.4.4. Fid-dawl tal-isforzi li diġa saru, il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jiġi kkummissjonat lis-Sur Indri Attard permezz ta' Proċedura Negozjata, skond kif provdut fl-Artiklu 151 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03), billi l-akkwist jinvolvi xogħol tal-arti li mhux magħruf li jsir minn artisti oħra f'Malta.

**5.5.1. Sit magħżul għall-*caravans* fil-Qortin it-Twil** **(P/7/1/Vol XVII)**

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret laqgħa fit-2 ta' Frar 2024 mal-Ministru tal-Kultura, il-Wirt Kulturali, u l-Gvern Lokali l-Onor. O. Bonnici. Attendew wkoll is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-uffiċjal prinċipali M. Gambin kif ukoll uffiċjali mill-istess Ministeru u mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

5.5.3. Ġie spjegat li kienu ppreżentati pjanti li saru minn Infrastructure Malta dwar kif għandu jiġi mqassam is-sit. Skond l-istess pjanti dan għandu jakkomoda disa' u għoxrin caravan spazzjati minn ma' xulxin skont l-i*standards* stabbili dwar is-saħħa u siġurtà. Il-sit ser ikollu latrina u ġiebja għall-ħażna tal-ilma tax-xita u jkun imdawwal bi dwal baxxi fejn kull spażju. L-ispazji ser ikunu kbar biżżejjed biex flimkien mal-*caravan* toqgħod vettura li tirmunkahom, jekk ikun il-każ.

5.5.4. Is-sit ser ikun mgħammar b'latrina, ġiebja li tesgħa 240 metru kubu, u kamra għall-kustodju fid-daħla għas-sit. Fil-laqgħa msemmija ntqal li l-ħlas għall-konsum tal-elettriku u l-ilma, kif ukoll tal-kustodju jkunu a karigu tal-Kunsill, liema spiża tiġi rkuprata mill-ħlas tal-permessi.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1. Progett dwar Gnien Pubbliku fuq l-art konfinati minn Triq l -Etna, Triq Mons Frangisk Xuereb Triq l-Ghasel** **(P/4/27)**

5.6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-pjanti tal-proġett kif ġew emendati sabiex jinġiebu konformi mal-kriterji stabbiliti minn Project Green għal spażji miftuħa, ġew ppubblikati fil-21 ta' Frar 2024 filwaqt li l-applikazzjoni mistennija li tiġi determinata fl-10 ta' April 2024. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-perit inkarigat mill-proġett għadda kont li jammonta €89,724.58 bil-V.A.T. inkluża.

5.6.3. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kont għandu jiġi verifikat li huwa skond it-Tariffa K tal-Kodiċi ta' Organizzajoni u Proċedura Civili (Kap. 12), u relatat mas-servizzi li attwalment ingħataw.

**5.7.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina** **(S/6/Vol VI)**

5.7.2. Inqara imejl datat 26 ta' Frar 2024, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' *Easter Egg Hunt* miftuħa għall-pubbliku, u li ttellgħet fit-30 ta' Marzu 2024 fil-Park tal-Familja.

5.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li jissieħeb f'organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €200 fl-ispirtu tas-Sub-Artikli 33(o) u (s) tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

**5.8.1. Tabelli li jindikaw l-istaġun tal-kaċċa** **(K/3)**

5.8.2. Saret referenza għal imejl datat 26 ta' Frar 2024, kif ukoll għall-kuntatti li saru mal-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa appellat sabiex jitwaħħlu għaxar tabelli bl-informazzjoni msemmija fl-inħawi l-aktar iffrekwentati mill-pubbliku.

5.8.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**5.9.1. Bandla għall-persuni b'diżabilità fil-*playing ield* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

5.9.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li r-*rubber flooring* tal-*playing field* imsemmija kien inbidel b'ċangaturi ġodda, mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.9.3. Is-Sur K. Buttigieg rrefera għall-bandla ntiża għal-persuni b'diżabilità li kien hemm fil-*playing field* imsemmija, liema bandla kienet inqalgħet minħabba att vandalu li sar fuqha. Huwa ppropona li ssir oħra minflokha li tkun tikkonsisti minn bandla b'*seat* addattat għall-persuni b'diżabilità, bħalma jeżistu fil-*playgrounds* ta' Misraħ is-Salib u Ġnien iż-Żerniq.

5.9.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skond il-minuta preċedenti.

**5.10.1. *Speed hump* fi Triq Għajn Tuta (T/3/2/Vol XVII).**

5.10.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għax-xogħlijiet li saru fit-triq imsemmija mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Huwa aċċenna li kien hemm *speed hump* li tneħħiet biex saret trinka tan-*new water* li baqgħet ma saritx minkejja li x-xogħol tlesta.

5.10.3. Ittieħdet nota sarbiex tinġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar in-nuqqas imsemmi.

**5.11.1. Manutenzjoni meħtieġa fi Ġnien il-Kenn Soċjali (P/4/10/Vol III)**

5.11.2. Il-Kunsillier K. Buttiegieg ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ issir manutenzjoni fuq il-bankijiet fil-ġnien imsemmi peress li ddeterjoraw bl-elementi.

5.11.3. Ittieħdet nota sabiex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ.

**5.12.1. Tibdil meħtieġ fil-*bring-in site* ta' Triq Ta' Fuq il-Migduma (K/6/10/Vol IV)**

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li hija segwiet ix-xejriet tal-pubbliku fir-rigward tar-rimi tal-iskart fil-*bring-in site* imsemmija. Sabiex jinżammu l-frekwenzi tat-tbattil attwali hija pproponiet li n-numru tal-kontenituri jeħtieġ li jinbidel, kif jidher fl-iskeda li t'hawn taħt:

| **Kontenitur** | **Numru attwali ta' kontenituri** | **Numru ta' kontenituri proposti** |
|---|---|---|
| Plastik (Ikħal) | 3 | 7 |
| Karta (Abjad) | 7 | 7 |
| Ħġieġ (Kannella) | 10 | 6 |
| Metal (Iswed) | 2 | 2 |

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha għandha ssir talba lil GreenPak Co-Operative sabiex tagħmel it-tibdil meħtieġ.

**5.13.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 27 ta' Frar 2024 mibgħut minn TCTC Ltd, fejn għarrfu li nedew korsijiet intiżi sabiex iħeġġu l-innovazzjoni diġitali fost

it-tfal. Dan huwa ppjanat li jseħħ waqt il-vaganzi tas-Sajf 2024 minn ġewwa l-kunsilli lokali u jkopri tagħlim prattiku fl-użu ta' diversi programmi importanti fl-iżvilupp edukkattiv u krejattiv ta' l-istudenti u għat tfal ta' bejn il- 5 u t- 12 il-sena.

5.13.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li l-proposta finanzjarja hija ta' €1,500.00, u tkopri sa massimu ta' 50 student. Tagħmel tajjeb ukoll il-*marketing* tal-proġett fuq il-meżżi tax-xandir u l-midja soċjali, artwork u stampar tal-fuljett li jippromovi dan il-proġett f' kull dar fil-lokal. L-applikanti jintalbu ħlas minimu ta' €5.00, li jkopri reġistrazzjoni u n-noti tal-kors li jintbgħatu onlajn lill-ġenituri.

5.13.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi s-servizz deskritt aktar 'il fuq.

## 5.14.1. Lezzjonijiet tal-arti fis-Sala tal-Kunsill (E/3/1/3)

5.14.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 23 ta' Frar 2023, fejn intalab li jsir użu mis-Sala tal-Kunsill sabiex jingħataw lezzjonijiet tal-arti.

5.14.3. Il-Kunsill ma laqax it-talba peress li fil-lokalità teżisti għaqda volontarja li toffri dan it-tagħlim lill-pubbliku.

## 5.15.1. Restawr tal-Bir tal-Ħnejja f'Selmun (R/2/Vol III)

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-istruttura antika msemmija teħtieġ tiġi restawrata qabel issirilha iktar ħsara bl-elementi.

5.15.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Prinċipal tal-MCAST sabiex ix-xogħol isir mill-istudenti li jattendu fl-istitut konċernat.

## 5.16.1. Sewqan perikoluż fi Triq Napuljun Caruana Dingli (T/3/2/Vol XVII)

5.16.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li hemm tendenza li xi sewwieqa javviċinaw il-kurva li hemm fl-imsemmija triq b'veloċità qawwija, minkejja li triq hija dejqa u ma jkunux qed jaraw vetturi ġejjin fid-direzzjoni opposta.

5.16.3. Kien hemm qbil li għandhom jsiru tabelli SLOW u DANGEROUS BEND, kif ukoll oħrajn li jindikaw il-preżenza tat-tfal.

## 5.17.1. Bdil ta' rifletturi fuq il-Knisja Arċipretali (P/4/3/Vol IV)

5.17.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li d-dawl fuq il-koppla tal-knisja naqas b'mod sinifikanti u jidher li hemm rifletturi mitfija.

5.17.3. Ittieħdet nota sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa mill-kuntrattur konċernat.

## 5.18.1. Traġitt bi trakkijiet kbar mill-Manikata (C/6/Vol IX)

5.18.2. Il-Kunsillier G. Micallef kkummenta li qed jgħaddu ħafna trakkijiet mill-Manikata mgħobbija bit-terrapien li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tal-Mellieħa.

5.18.3. Ittieħdet nota sabiex possibilment jiġi stabbilit is-sors tat-terrapien.

## 5.19.1. Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2024 (F/1/7/Vol V)

5.19.2. Saret referenza għal sejħa dwar espressjoni ta' interess maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali permezz ta' Ċirkulari SPI/SCI/05/2024 dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024-2025, datata 8 ta' Frar 2024. L-iskop tagħha huwa li tingħata l-opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet u/jew inizjattivi sabiex iservu ta' għodda bil-għan li r-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif jixraq.

5.19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li, kif sar fi snin preċendenti, għandha tiġi sottomessa proposta fir-rigward tal-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa 2024, skont l-għanijiet tal-iskema, sad-data tal-għeluq is-26 ta' Marzu 2024,.

## 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:-

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 56, u 59 tal-31 ta' Ottubbru 2023, u 31 ta' Jannar 2024, rispettivament, kif ukoll saret Laqgħa Annwali tal-Lokalità għar-residenti, fit-18 ta' Jannar 2018, skont ma jitlob l-imsemmi Att;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2024, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/35)**

6.2. Il-Mozzjoni għaddiet unanimament mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:

**"Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2023 ġew spjegati fid-dettal waqt is-Seduta tal-Kunsill Nru. 60 u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom, kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2023;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduh lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)**

7.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-istqarrijiet imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2023 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,571,973, kontra nefqa rikorrenti ta' €1,523,466, biex b'hekk is-sena spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €48,507.

7.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,460,063 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,279,040 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €181,023 |

7.4. Kien hemm dħul ta' €15,149 marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €11,076, kif ukoll ieħor ta' natura ġenerali li ammonta għal €85,685. Dan kien ġej minn kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ. Irriżulta li kien hemm żieda fid-dħul totali ta' 4.2% fuq tas-sena preċedenti.

7.5. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti laħqet €216,561, u fil-fatt naqset bi 11.3 % minħabba li naqset impjegata u postha baqa' battal tul is-sena.

7.6. In-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni ammontat għal €753,833 - żieda ta' 22.3 % fuq l-ispiża tas-sena ta' qabel. In-Nefqa fuq l-Amministrazzjoni, li tinkludi d-deprezzament fuq l-assi permanenti ammontat għal €553,072 u allura kien hemm żieda ta' 0.7 % fuq tas-sena preċedenti. Dan primarjament irriżulta minn żieda fit-Tindif ta' Toroq Urbani u fil-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq, u nfieq marbut mal-ġemellaġġi li waqaf għal kollox tul il-perjodu tal-Covid-19.

7.7. Is-Sur D. Galea spjega li sal-aħħar tal-2023, il-Kunsill kien fadallu jdaħħal €188,775, li €108,017 minnhom huma meqjusa bħala *doubtful debts*, u jikkonsistu minn ċitazzjonijiet antiki mhux imħallsa.

7.8. Taħt l-Ammonti Pagabbli *(Payables),* sal-aħħar tal-2023, kien hemm *Deferred Income* li laħħaq €1,064,140, illi kien jikkonsisti f'somom li ġew mgħoddija lill-Kunsill b'rabta mal-iskemi mnedija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali b'rabta mal-Park tal-Familja, it-Taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar, il-*Lift* Panoramiku, u fi proporżjoni ikbar mal-iżvilupp ta' post ta' rikrejazzjoni fi Triq l-Għasel li huwa ko-finanzjat minn Project Green. Magħhom jridu jiżdiedu kontijiet għal spejjeż li saru matul l-2023 *(accruals)* li ma daħlux fil-kotba sa Diċembru 2023, peress li kienu għadhom ma waslux.

7.9. L-assi permanenti li ġew kapitalizzati fl-2023 kienu jiswew €107,993. Ġie spjegat li sa Diċembru 2023, il-Kunsill kien akkwista assi permanenti li fit-totalità tagħhom għandhom valur inizjali li jammonta €10,587,669, iżda li l-valur attwali nett tagħhom huwa €1,672,693.

7.10. Kien hemm ukoll €1,509,522 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji (*Cash and Cash Equivalents)* kienu jammontaw għal €2,982,559, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €188,775. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €674,475 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill imqabbel ma' tas-sena ta' qabel. Dan kien ikkawżat primarjament minn fondi mgħoddija minn Project Green b'rabta mal-proġett ta' Triq l-Għasel. Għal din ir-raġuni, l-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 132.0%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 107.0%.

7.11. Kien spjegat ukoll li jista' ikun hemm obbligazzjonijiet kontinġenti, li jirriżultaw minn kawżi fil-Qorti dwar danni li għadhom *subjudice*, illi fil-każ tal-Kunsill teżisti waħda li saret minn operatur ta' stabbiliment li jservi l-ikel fil-Bajja tal-Mistra. Każ ieħor li attwalment għaddej is-smigħ tiegħu jinvolvi l-konjuġi ta' *pedestrian* li ntlaqat u nqatlet minn karozza fi Triq il-Marfa u qed titlob kumpens mingħand ix-xufier, il-kumpanija tal-assigurazzjoni, Transport Malta, u l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qed jirribatti tali talba abbażi li Triq il-Marfa tifforma parti min-network tat-Toroq Arterial kif provdut fl-Artikolu 33(1)(a) tal-Att dwar il-Gvern Lokali.

7.12. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella illi tgħid:

**"Billi mill-kotba tal-kontijiet jirriżulta li bejn il-perjodu 2016-2019 akkumulaw total ta' €353.53 bħala ammonti dovuti minn l-aġenzija SportMalta għall-użu tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja;**

**Billi minkejja l-isforzi li saru biex titħallas l-imsemmija somma, din baqgħet ma tħallsitx;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li tali ammont jitqies bħala *bad debt* u għaldaqstant għadu jitħassar mill-kotba, b'effett mis-sena finanzjarja 2024.". (F/1/2/Vol VIII)**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier M. Abela

## 9.1. Rendikont Finanzjarju Ottubru/Diċembru 2023 (F/1/1/Vol IV)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Diċembru 2023 kien jammonta għal €1,572,306, li jikkonsisti f'€1,460,063 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €94,301 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, u €17,942 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żdied b'€1,073,732 meta mqabbel mal-ewwel disa' xhur ta' qabel u kien ta' €3,187,006,. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €2,982,559, Inventarji (*Stocks*) €15,672 u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, li ammontaw għal €188,775.

9.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti żdiedu minn €447,351 għal €1,509,522. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

9.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,523,466 u kienet tikkonsisti minn €215,561 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €1,010,834 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €43,307 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi fissi ġie kkalkulat għal €252,764.

7.13. Is-Sur Galea spjega li mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €48,840. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żdied b'25% fuq it-trimestru preċedenti u laħaq 132%. Kompla jgħid li bħala amministrazzjoni għandha tagħmel ħilitha biex iżżomm proporzjon ta' 2:1 bejn l-assi kurrenti u l-obbligazzjonijiet kurrenti.

9.6. Il-valur fiss tal-assi mixtrija minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €137,939, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €12,873,250, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,678,295 sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

9.7. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

## 10.1. Arranġamenti tat-traffiku ġodda fil-Manikata (T/3/2/Vol XVII)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien f'seduti preċedenti dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossings* ġodda fil-Manikata. Intant baqgħu għaddejjin kuntatti mal-Manikata Residents Association (MRA) permezz ta' żewġ laqgħat fil-Manikata stess biex jiġu stabbiliti aħjar postijiet fejn dawn għandhom jsiru. Kien hemm qbil li l-pedestrian crossings għandhom jsiru fil-postijiet segwenti:

- F'Misraħ il-Parroċċa quddiem it-taraġ li jagħti għall-knisja;
- Fit-triq il-ġdida biswit Misraħ il-Parroċċa k/m Triq Dun Manwel Grima;
- Fi Triq il-Mejjiesa k/m Triq il-Knisja l-Qadima; u
- Fi Triq il-Knisja l-Qadima bejn Triq il-Fuħħar u Triq il-Mejjiesa.

10.3. Il-Kunsill approva l-arranġament skond il-minuta preċedenti.

10.4. Fil-kuntatti li kien hemm saret proposta wkoll sabiex Triq il-Manikata ssir *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq il-Wilġa, bil-għan li t-traffiku kollu li ġej mid-direzzjoni ta' Triq il-Wilġa u Triq il-Kappella tal-Militar jgħaddi minn Trejqet il-Ħarrub u Triq il-Mejjiesa.

10.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-i*status quo* billi t-tendenza fost is-sewwieqa hija li minn ikun sejjer fid-direzzjoni tal-Manikata minn Triq il-Kappella tal-Militar u Triq il-Wilġa, hija li jibqgħu sejrin dritt lejn Treqjet il-Ħarrub. Fid-dawl ta' dan, Triq il-Manikata qed l-aktar tintuża bħala *one-way* fid-direzzjoni li qed tiġi proposta. Minn naħa l-oħra, il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhiex titneħħa l-għażla ta' residenti li joqgħodu fuq ix-xaqliba l-oħra tal-Manikta, li jużawha fiż-żewġ direzzjonijiet.

10.6. Saret referenza għall-petizzjoni li qed jipproponu l-MRA sabiex din titressaq fil-Parlament, fejn qed jiġi propost li fid-dawl tal-volum tat-traffiku li qed jiżdied fil-Manikata, għandha ssir *bypass* li tiddevja t-traffiku lill'hinn mit-toroq dojoq ta' dan l-irħajjel, partikularment dak ġej jew sejjer lejn Għawdex. L-MRA qed tappella għall-appoġġ tal-Kunsill qabel tiġi sottomessa din il-petizzjoni.

10.7. Il-Kunsill osserva li l-petizzjoni qed tindika l-inkonvenjenzi li qed jaffaċċjaw ir-residenti tal-Manikata bil-volum kbir tat-traffiku li jgħaddi minn hemm, filwaqt li nnutat ukoll li mhijiex tispeċifika xi soluzzjoni partikulari'għa. Minkejja dan, il-Kunsill qabel li għandu jappoġġjaha fil-prinċipju għaliex din għandha ssaħħaħ il-pożizzjoni addottata minnu sabiex l-awtoritajiet konċernati jkomplu jaħdmu fuq mplimentata l-ħolqa li hemm nieqsa fil-programm tat-TEN-T għat-tramuntana ta' Malta. Il-Kunsill anke jemmen li dan huwa l-mument propiżju sabiex l-istess programm ikompli jitwettaq, fid-dawl tas-sospensjoni tal-proġett tal-mina bejn Malta u Għawdex.

## 11.1. Impjieg ta' uffiċjal fi Skala 15 u ristrutturar tal-uffiċjali fl-iskali tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol XVII)

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-mozzjoni li għaddiet fis-seduta preċedenti dwar l-impjieġ ta' żewġ uffiċċjali fi Skala 15. Huwa għarraf li s-Sinjorina C. Buttigieg ħadmet tliet ijiem u fit-22 ta' Frar ma rrappurtatx għax-xogħol u ħalliet messaġġ fejn qalet li ma tixtieqx tkompli. Intant intalab il-kunsens ta' Jobsplus sabiex issir sejħa ġdida li fil-fatt ser tagħlaq fl-4 ta' Marzu 2024.

11.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li għarraf ukoll li għas-sejħa nterna li saret sabiex jimtela post fi Skala 13, daħlu żewġ applikazzonijiet.

11.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija u talab lill-Bord tal-Intervisti sabiex jirrapporta l-eżitu' tal-intervisti li jeħtieġ isiru.

## 12.1. Nominazzjonijiet għall-Premju MARA 2023/2024 (N/1/Vol II))

12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal stedina li saret minn mart il-Prim Ministru Dr Lydia Abela għat-tnedija tal-premju msemmi li saret fit-8 ta' Frar 2024, fejn ġew spjegati l-kriterji li fuqhom għandhom jiġu nominati persuni. Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet hija is-26 ta' Frar 2024.

12.3 Il-Kunsill ġie mgħarraf li daħlu n-nominazzjonijiet segwenti:

| **Persuna li ressqet in-nomina** | **Persuna nominata** |
|---|---|
| Ruth Micallef | Maria Deguara |
| Diane Cassar | Rita Vella |
| Maria Pia Serra | Marie Louise Arpa |
| Isabelli Incorvaja | Marie Louise Arpa |
| Grima Grima | Theresa Vella |
| Tracy Cutajar | Rachel Vella |

12.4. Il-Kunsill ikkunsidra l-ħames nomini msemmija, u minn fosthom għażel dik ta' Rita Vella (K.I. Nru. 454768M) abbażi tal-kwalitajiet tagħha, fosthom li dejjem disposta li tgħin lil

ħaddieħor. Kellha l-isfortuna li l-unika wild li kellha twieled b'diżabilità u tilfitha qasir il-għomor. Hija involuta fil-qasam tal-volontarjat ma' nies b'diżabilità u kkontribwiet bil-ħidma tagħha f'diversi maratoni b'riżq kawżi bħal Puttinu Cares. Minkejja l-kundizzjoni fiżika tagħha hija reżiljenti tant li xorta waħda ħerqana li tgħin lil ħaddieħor.

**13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 23 ta' Frar 2024.

13.2. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-30 ta' Jannar u t-23 ta' Frar 2024.

13.3. Sar aċċenn għall-pagament 004-01-24 dwar il-manutenzjoni tas-sistema tal-*hydroponics* li tinsab armata fil-Park tal-Familja. Il-Kunsill oġġezzjoni għal dan il-pagament, fl-assenza ta' riżultati viżibbli tul il-perjodu kopert bil-kontijiet sottomessi.

13.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: Minuti - Mellieħa (gov.mt)

**AĠĠORNAMENT**

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fis-7:30 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**